*ACTIO CAMBIARIA*

*ART 198 – KAP 13*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 12 ta' Dicembru 2001.**

**Kawza Numru: 17**
**Citazzjoni Numru: 2291/97/RCP**

**Francis Portanier.**

**vs.**

**Abdel-Moez Mohammed Aly Abdel – Aal El – Kady.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 fejn gie premess:-

Illi l-attur huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' Lm4,000, import ta' zewg kambjali ta' Lm3,000 u Lm1,000 rispettivament li skadew it-tnejn fil-15 ta' Mejju 1994.

Illi l-attur inoltre silef lill-konvenut is-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220) permezz ta' self brevi manu, f'okkazzjonijiet differenti.

Illi ghalkemm il-konvenut gie mitlub jissalda dawn l-ammonti diversi drabi, huwa baqa' pero' inadempjenti.

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tal-attur il-konvenut ma ghandu l-ebda eccezzjoni x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Illi ghalhekk l-istess attur talab li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza *ai termini* tal-artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma globali ta' erba' t'elef u mitejn u ghoxrin lira Maltija, import ta' zewg kambjali skaduti u mhux imhallsa u self brevi manu – kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mill-15 ta' Lulju 1994 sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-7 ta' Frar 1997 u ta' Lm10 ghall-konsult, kontra l-

konvenut li minn issa jibqa' ngunt sabiex jidher personalment ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat l-affidavit tal-attur a fol. 5 tal-process.

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru 1997 fejn l-konvenut iddikjara li ghandu eccezzjoni valida x'jaghti u din hija li l-istess kambjali in kwistjoni kienu "kondizzjonati", u ghalhekk talab il-permess biex jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu.

Rat id-Digriet tal-istess Qorti, diversament presjeduta, fejn ordnat li l-kawza ssir fil-kors normali taghha u ghalhekk ipprefiggiet terminu ta' ghoxrin (20) gurnata sabiex il-konvenut jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 12 tal-process fejn ecceppixxa:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li huwa mhuwiex debitur tal-attur izda semmai huwa l-attur li huwa debitur tal-konvenut.

(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, fir-rigward ta' l-allegati erbat elef liri Maltin (Lm4,000) import ta' zewg kambjali, l-istess kambjali

ma setghux qatt jimmatturaw u jiskadu stante li dawn l-istess kambjali kienu kondizzjonali, liema kondizzjoni baqghet ma sehhitx sallum.

(3) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, fir-rigward ta' l-allegat self ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin l-attur, qatt ma silef tali somma lill-konvenut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.13 tal-process.

Rat il-verbal tal-11 ta' Frar 1998 fejn l-attur pprezenta z-zewg kambjali in kwistjoni u il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex iressaq il-provi tieghu u l-kawza giet differita ghad-29 ta' Mejju 1998.

Rat l-affidavit tal-konvenut tas-27 ta' Mejju 1998 bl-ingliz u tat-23 ta' Marzu 1999 bil-Malti;

Rat il-verbali tas-seduti tad-29 ta' Mejju 1998; 13 ta' Novembru 1998, 15 ta' Marzu 1999, 17 ta' Novembru 1999, 10 ta' April 2000, u 31 ta' Mejju 2000, quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, kollha ghall-provi tal-konvenut, li lanqas ressaq xhud wiehed viva voce, izda biss l-affidavit tal-konvenut fuq indikat.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-31 ta' Ottubru 2000, fejn il-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-konvenut ghall-15 ta' Frar 2000 f'nofsinhar.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Frar 2001 fejn xehdu Albert Stagno Navarra u Francis Portanier in subizzjoni, u fejn id-difensuri tal-partijiet qabblu li l-kambjali a fol. 23 u 24 tal-process m'hemm l-ebda kondizzjoni fuqhom, u l-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenut ghas-26 ta' Marzu 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Marzu 2001 fejn xehed Alfred Vella u l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-26 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Gunju 2001 fejn intalab differiment minn Dr. John Mizzi ghall-konvenut u l-kawza thalliet ghall-provi kollha tal-partijiet ghat-8 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbal tat-8 ta' Novembru 2001 fejn ghal darba ohra Dr. John Mizzi talab differiment permezz ta' rikors stante li kien ser ikun imsiefer, u l-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghall-provi kollha tal-konvenut ghall-20 ta' Novembru 2001.

Rat il-verbal tal-20 ta' Novembru 2001 u ix-xhieda tal-attur u tal-konvenut. Il-konvenut tramite d-difensur tieghu talab li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri. L-attur tramite d-difensur tieghu oppona ghall-istess, u l-Qorti cahdet it-

talba. Id-difensuri ddikjaraw li ma ghandhomx provi izjed, trattaw il-kaz, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Dicembru 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.
Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A. L-AZZJONI KAMBJARJA.

Illi l-azzjoni odjerna hija dik maghrufa bhala *actio cambiaria.*

Illi l-**artikolu 198** tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) jghid illi:

*1) L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.*

*2) Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanitant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma.*

Illi dan l-artikolu hawn fuq imsemmi gie kemm il-darba imfisser minn dawn il-Qrati.

Illi din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza l-ismijiet "**Guillaumier Industries Ltd. vs Victor Vella et**" deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998 dwar l-*actio cambiaria* kienet qalet:

Illi a bazi ta' dan l-Artikolu gie deciz li "*l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita' possibbli … … …".* Il-kambjala hija proprju l-instrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali ikunu animati mill-istess esigenzi.

*"Biex tassigura din ic-celerita', l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizzazzjoni ta' import ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli soluzzjoni*" (K.G.M.B 17.10.1987) "***John Portelli noe vs Joseph Sullivan***".

Dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza "**Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe**" (K.J.D.C 15 ta' Novembru 1993):

"*appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li setghet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m'*

*ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti*".

Illi l-istess arrangament gie segwit f'diversi sentenzi fosthom "**John Mary Sammut vs Michael Cassar**" (App K. 14.10.1991) u "**George Zahra vs Alfred Borg**" (K. JSP 28.4.1995) fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita` formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha inoltre f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Vide Vol XXIX P1 1528 – Vol XXIX. 1. 1136) u l-istess "**John Portelli noe vs Charles Vella**" (K.C.D. 30.8.1989); dawn il-principji gew ilkoll elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"Ronald Micallef *et vs Subway (Malta) Limited"*** (Citaz. Nru. 273/2000/RCP).

Dwar dan kien hemm temperament fis-sentenza "**Joseph Lia vs Alfred Dalli**" (K. JDC 26 ta' Jannar 1989), li ghalkemm sostniet li l-**Artikolu 198** japplika kemm meta tali kambjali jkunu girati w anke meta le, irrilevat li hemm eccezzjonijiet permessibbli meta din tolqot l-ezistenza tal-kambjala stess bhal meta l-kunsens tal-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo (Vol XXXIX. III, 845) u ghalhekk irriteniet li tali eccezzjoni ghandha tingieb **permezz ta' azzjoni** ohra u permezz ta' azzjoni **ad hoc**.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Salamone vs. Rao**" tad-9 ta' Frar, 1906, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc intqal illi:-

"*Attesoche' le eccezioni date dal convenuto, quantunque personali all'attore, sono di lunga indagine e quindi, secondo il disposto nell'articolo 181 dell'Ordinanza XIII del 1857, la loro cognizione dev'essere rimandata a separato giudizio;*"

Illi wkoll fl-4 ta' Frar, 1907, l-istess Qorti tal-Kummerc, fil-kawza fl-ismijiet "**Zammit vs. Scicluna**" qalet illi:-

*"Attesoche' secondo la pratica costante di questo tribunale il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezioni sono tali da richiedere lunga indagine, sotto quelle cautele che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno;"*

Illi fl-ahharnett fl-10 ta' Mejju, 1913, fil-kawza fl-ismijiet **"Sultana vs. Pecorella"** gie riaffermat li :-

"*Atteso che` per legge espressa, eccezioni di lunga indagine, come quelle apposte dal convenuto non possono ritardare il pagamento di cambiali scadute. La Corte deve ordinare il pagamento con o senza cauzione e rimettere la cognizione delle eccezioni a separato giudizio*;"

Illi konferma ta' dan hija s-sentenza "**Tabone vs Camilleri**" tas-27 ta' Frar 1939 li qalet li :-

"*Illi huwa veru illi skond dana l-artikolu tal-ligi, meta l-eccezzjoni ma tistax tigi definita malajr ma hijiex ammissibbli meta biha jkun ritardat il-pagament. Pero' hemm eccezzjonijiet tant assoluti kemm relativi, li jistghu jigu moghtija u ghandhom ikunu ammessi. Dawna l-eccezzjonijiet ghandhom il-bazi taghhom fid-dritt komuni u fid-dritt kambjarju. Per ezempju, l-inkapacita' li hija regolata mid-dritt komuni tifforma wahda mill-eccezzjonijiet assoluti, u l-pagament huwa wiehed mill-eccezzjonijiet relattivi jew personali li huma regolati mid-dritt kambjarju. Hemm ukoll eccezzjonijiet li gejjin minn fatti posterjuri ghad-data ta' l-emissjoni tal-kambjali*."

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet "**Eminyan vs Mackay** tad-9 ta' April 1940 tant li inghad:-

*"Illi skond l-art. 181 ta' l-Ord. XIII ta' l-1857, l-eccezzjonijiet personali ghall-possessur tal-kambjali ma jistghux jirritardaw il-hlas tal-kambjali jekk ma jkunux likwidi u ta' soluzzjoni pronta. Ghalhekk l-eccezzjoni li ta l-konvenut ma tistax tiddilazzjona l-pagament tal-kambjali;"*

Tant huwa minnu dan fil-21 ta' Novembru, 1940, bid-decizjoni fl-ismijiet "**Staines vs Trapani"** kkonfermat:-

*"Illi jekk dina l-pretensjoni ma kienetx likwida qabel il-kawza, issa li l-Qorti semghet il-provi tista' tillikwidaha, peress illi tirrizulta b'mod konvincenti bhala fondata. U skond l-art. 181 ta' l-Ord. XII ta' l-1857, "exceptions affecting the holder of a bill personally, cannot delay the payment thereof, unless the exceptions be such as admit of being clearly and speedily determined". U fil-kaz prezenti l-eccezzjoni tal-konvenut setghet tigi likwidata, kif giet fil-fatt, peress illi setghet tigi definita malajr".*

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Prof. Carlo Mallia noe vs Mariano Accarino noe"** deciza fit-22 ta' Novembru, 1937, ikkonkludiet:-

"*Infatti l-artikolu 181 tal-Kodici Kummercjali jistabbilixxi illi l-eccezzjonijiet personali ghal possessuri tal-kambjali ma jistghux idewmu l-pagament tas-somma jekk mhumiex likwidi u "di pronta soluzione". Jekk imbaghad huma ta' indagini twila, dawk l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu riservati ghal kawza separata, u l-kundanna tal-kambjali ma tistax tkun differita, b'garanzija jew minghajr garanzija skond il-prudenzjali arbitriju tal-Qorti*."

Illi dawn il-principji kollha gew applikati fis-sentenza **"Mario Agius et vs Doris Pulo"** (P.A. (R.C.P.) 24 t'April 2001), u **"Ronald Micallef et vs Subway (Malta) Limited"** ( P.A. (R.C.P.) 5 ta' Ottubru 2000); **"Guillaumier Industries Limited vs Victor Vella et"** (P.A. (R.C.P.) 4 ta' Dicembru

1998), u **"Annunziato sive Lonzu Mifsud vs Angelo Xuereb nomine"** (P.A. (R.C.P. 5 ta' Ottubru 1999).

## III. APPLIKAZZJONI TAL-ISTESS GHAC-CITAZZJONI ATTRICI

Illi applikati dawn il-principji ghall-azzjoni attrici jirrizulta li ma hemm l-ebda dubju li l-kawza attrici (hlief ghall-ammont ta' Lm220 bhala self *brevi manu*) hija azzjoni kambjarja, u ghalhekk japplikaw il-principji fuq elenkati anke dwar l-eccezzjonijiet li jistghu jingiebu f'din il-kawza.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni jirrizulta li l-konvenut qed jallega li huwa ghandu jiehu minghand l-attur ammont ta' flus bhala danni fl-ammont ta' $35,000 USD peress li skond hu kien zamm *letter of credit* ta' $1,700,000 USD miftuha bhala garanzija sabiex l-attur jissupplixxi lil xi ditta u dan kollu ghal xejn ghaliex l-attur m'ghamel xejn.

Illi inoltre il-konvenut allega li peress li l-attur kien f'qaghda finanzjarja prekarja huwa kien accetta li jixtri l-interessi tal-attur fis-socjeta` Spray Pack Ltd ghall-valur ta' Lm200,000 li fuqhom l-attur kien talbu Lm10,000 bhala senserija sabiex jithallsu diversi persuni li minnhom il-konvenut kien accetta li jhallas biss Lm4,000 ekwivalenti ghall-persentagg ta' 2% mis-somma miftiema liema ammont ta' Lm4,000 l-attur hallsu ghan-nom tal-konvenut lil dan is-sensar, u bhala garanzija tal-istess ammont imhallas lill-attur il-konvenut jallega li hareg il-kambjali inkwistjoni. Fil-fatt il-

konvenut isostni li lanqas dan l-ammont m'ghandu jaghti ghaliex il-ftehim ahhari ma sehhx, tant li kien talab il-kambjali lura izda minflok saret din il-kawza.

Fl-ahhar nett l-istess konvenut isostni li kien hareg zewg kambjali ta' Lm50,000 u Lm150,000 rispettivament sabiex isehh tali ftehim li pero` skada fit-28 ta' Lulju 1994 tant li z-zewg kambjali gew ritornati lilu mill-Avukat Schembri f'Gunju 1977 izda z-zewg kambjali mertu tal-kawza odjerna baqghu ma gewx ritornati.

Illi minn dan kollu jirrizulta li tali xhieda tal-konvenut m'ghandha x'taqsam xejn man-natura tal-kawza kambjarja odjerna, u dan apparti li tali allegata difiza ghall-hlas tal-imsemmija kambjali ma hijiex permessa li ssir bil-ligi f'azzjoni bhal din ghaliex ma tinkwadrax ruhha fid-disposizzjonijiet tal-eccezzjonijiet permessibbli *ai termini* tal-**artikolu 198 tal-Kap 13**.

Illi fil-fatt hawn hekk issir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet "**Guillaumier Industries Ltd. vs Victor Vella et**" deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998 dwar l-*actio cambiaria* kienet qalet:

Illi a bazi ta' dan l-Artikolu gie deciz li "***l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita possibbli … … …***".

Il-kambjala hija proprio strument kummercjali nventat biex proprio jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali ikunu animati mill-istess esigenzi.

*"Biex tassigura din ic-celerita, il-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardawx il-kanonizzazzjoni ta' import ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli soluzzjoni*" (K.G.M.B 17.10.1987) "***John Portelli noe vs Joseph Sullivan***".

Illi dan qed jinghad apparti dak li inghad aktar il-fuq dwar in-natura tal-azzjoni kabjarja u l-eccezzjonijiet li jistghu jigu sollevati f'kawza simili u dan kollu naxxenti mill-fatt li kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet "**L-Avukat Dr Keith Bonnici noe vs Adrian Busietta noe**" (P.A. DS 7 ta' April 2000) li l-kambjala *"hija wkoll awtonoma fis-sens li mhix dipendenti minn drittijiet ta' haddiehor, hija wkoll inkondizzjonata fis-sens li l-kambjala ma tistax tkun imtaqla b'kundizzjonijiet ghaliex inkella l-posizzjoni tal-pussessur tkun ferm prekarja – haga li tmur kontra l-istess skop tal-kambjala.*" Illi kif inghad mill-mibki Profs Rene Cremona fin-noti tieghu f'pagna fol 477 dan il-kuncett ta' obligazzjoni astratta fin-natura tal-kambjala jfisser li:

"*the moment a person signs the bill of exchange ... ... the obligation arising from that signature is considered to be complete in itself; it acquires a juridical existence which is*

*considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evinced by its bill with the signature places thereon. Accordingly, a party to a bill would be liable thereon, not because of any pre-existing obligations, but merely because he did actually sign the bill"*.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess jirrizulta li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tintlaqa peress li la darba jirrizulta li l-istess kambjali gew debitament mahruga u ffirmati mill-konvenut kif jidher mill-istess kambjali esebiti isegwi li kull pretensjoni li jista' jkollu l-istess konvenut kontra l-attur naxxenti mit-trattazzjoni bejn il-partijiet dwar xi obbligazzjonijiet originali ghandhom jigu esperiti mill-istess konvenut fi proceduri separati ghal dan.

Illi jinghad ukoll li nonostante li l-konvenut jidher li ghamel diversi allegazzjonijiet fil-konfront tal-konvenut mhux relatati mal-istess kambjali mertu tal-kawza odjena il-Qorti tosserva wkoll li ma jidhirx li sallum l-istess konvenut istitwixxa xi forma ta' procedura gudizzjarja kontra l-attur in sostenn ta' dak minnu allegat.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni tal-konvenut jinghad li *ai termini* tal-verbal maghmul bejn id-difensuri tal-partijiet tal-15 ta' Frar 2001 dawn qablu li "*fuq il-kambjali a fol 23 u 24 tal-process m'hemm ebda kundizzjoni fuqhom',* u dan mizjud mal-fatt li l-Qorti innifisha setghet tikkonstata li l-istess

kambjali esebiti bhala Dokument FP1 u Dokument FP2 m'ghandhom ebda kundizzjoni inserita fuqhom, isegwi ghalhekk li anke t-tieni eccezzjoni tal-istess konvenut ma tistax tigi milqugha peress li l-istess kambjali qatt ma kienu suggetti *ut sic* ghal ebda kundizzjoni.

Illi ghalhekk invista tal-premess jirrizulta li l-ezistenza tal-kambjali iffirmati mill-konvenut a favur l-attur giet ippruvata permezz tal-istess kambjali innifishom li jirrizultaw li skadew rispettivament fil-15 ta' Lulju 1994 u la darba huma debitament iffirmati w accettati mill-konvenut l-istess konvenut ghandu jigi ikkundannat li jhallas il-pagament tal-istess u jonora l-portata tal-istess kambjali.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta' Lm220 allegatament mislufa mill-attur lill-konvenut dawn huma kkonfermati mix-xhieda ta' tal-istess attur u wkoll mill-fatt li l-konvenut ammetta li huwa rcieva l-istess ammont ta' flus minghand il-konvenut. Illi huwa veru li l-konvenut qed isostni li dawn ma nghatawx lilu bhala self *brevi manu* izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti din il-versjoni tal-konvenut ma hija xejn kredibli aktar u aktar meta wiehed ihares lejn ix-xhieda ta' Alfred Vella li kkonferma li l-istess konvenut kien issellef minghand l-attur diversi flejjes inkluzi dawk mertu tal-kambjali odjerni.

Illi ghalhekk anke taht dan l-aspett il-kumplament tat-talba attrici ghandha tigi milqugha u t-tielet eccezzjoni tal-konvenut b'hekk ghandha tigi michuda.

## VI. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' t-talba attric** b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' erba' t'elef u mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm4,220), import ta' zewg kambjali skaduti u mhux imhallsa u self brevi manu – kollox kif indikat fic-citazzjoni attrici u ghar-ragunijiet hemm premessi.

Bl-imghax legali mill-15 ta' Lulju 1994 sal-gurnata tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-7 ta' Frar 1997 kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Dicembru 2001.**